Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-introduzzjoni fis-suq għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, l-evalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u/jew l-awtorizzazzjonijiet għall-użu tagħhom

(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [1])

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 15/02)

Id-Deċiżjonijiet li jagħtu awtorizzazzjoni

Ir-referenza tad-Deċiżjoni [1]	Id-data tad-Deċiżjoni	Isem is-sustanza	Id-detentur tal-awtorizzazzjoni	In-numri tal-awtorizzazzjoni	L-użi awtorizzati	Id-data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami	Ir-raġunijiet għad-Deċiżjoni
C(2018) 14	l-10 ta' Jannar 2018	1,2-dikloroetan Nru tal-KE 203-458-1 Nru tal-CAS 107-06-2	BASF SE, Carl-Bosch-Str. 38, 67056 Ludwigshafen am Rhein, Rheinland-Pfalz, il-Ġermanja	REACH/17/34/0 REACH/17/34/1	L-użu industrijali bħala solvent u bħala soluzzjoni għall-kristallizzazzjoni fis-sinteżi tas-sustanza attiva bentażon għall-protezzjoni tal-pjanti (Nru tal-KE 246-585-8 u Nru tal-CAS 25057-89) L-użu industrijali bħala solvent u bħala soluzzjoni għall-kristallizzazzjoni fis-sinteżi tas-sustanza attiva bijoċidali flokumafen (Nru tal-KE: 421-960-0 u Nru tal-CAS 90035-08-8)	It-22 ta' Novembru 2029	Skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi jegħlbu r-riskju għas-saħħa tal-bniedem li jiġi mill-użu tas-sustanza u ma hemm ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva xierqa li hija teknoloġikament jew ekonomikament fattibbli li jista' juża l-applikant qabel id-data tat-terminazzjoni

[1] Id-Deċiżjoni tinsab fis-sit web tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about/index_en.htm

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1